# ĊIRKULARI

**Data: 15 ta' Diċembru 2020** **Ref: DDLTS 51/2020**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett: Onlajn Kors: Għodod għall-Klassi Diġitali fis-Snin Bikrin**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali qed jorganizza kors onlajn volontarju ta' 15-il siegħa għal edukaturi tal-primarja fis snin bikrin: **Enhancing Learning: Tools for the Digital Classroom in the Early Years.**

Dan il-kors ta' 6 ġimgħat li jibda nhar l-Erbgħa **20 ta' Jannar 2021** se jiffoka fuq il-benefiċċji edukattivi u l-opportunitajiet pedagoġiċi fl-użu tat-teknoloġija waqt it-tagħlim tal-istudenti fil-klassi u d-dar matul it-tagħlim online. Matul dan il-kors, il-parteċipanti se jiġu introdotti għal Apps edukattivi differenti u għodod online li huma ta' benefiċċju għat-tagħlim attiv.

**L-edukaturi tal-KG, tas-sena 1, 2 u 3** kemm mill-iskejjel statali kif ukoll minn dawk mhux statali huma mistiedna japplikaw. Dan il-kors se jingħata kompletament online fuq MS Teams. Se ssir laqgħa online volontarja bħala introduzzjoni nhar l-Erbgħa **27 ta' Jannar 2021 fl-4pm**.

Il-kors huwa bla ħlas u l-parteċipanti li jlestu mill-inqas 75% tax-xogħol kollu tal-kors flimkien mal-biċċa xogħol finali se jirċievu ċertifikat ta' parteċipazzjoni li jindika n-numru ta' sigħat. Il-parteċipanti li jattendu dan il-kors huma intitolati li japplikaw għat-taħriġ *Self-Sought* peress li l-attendenza hija fuq bażi volontarja u wara l-ħinijiet tal-iskola.

L-edukaturi li jixtiequ aktar tagħrif jistgħu jsibu aktar dettalji u jistgħu japplikaw billi jagħfsu fuq il-link:

https://bit.ly/36uNEt7

jew billi jibagħtu imejl digital-literacy@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**